KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Ħamsa u Għoxrin (25)***

***It-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

25.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

25.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 24 li nżammet nhar it-Tnejn , 9 ta' Novembru, 2020.

25.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 24 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

25.2.3 **Mozzjoni 25-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 24.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Il-Minuti Numru 24 ġew approvati unanimament.

**25.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 25 (08) – Novembru 2020***

25.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 25(08) biċ-ċekkijiet numru 7151 sa 7154 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 9745 sa 9784 li jammontaw €34,491

25.3.2 **Mozzjoni 25-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 25(08) bl-ammont ta' €34,491

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 25(08) ġiet approvata unanimament.

**25.4 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-Tielet Kwart tas-sena 2020: Jannar-Settembru 2020</u>**

*F'dan l-istadju ingħaqad b'mod virtwali l-Accountant tal-Kunsill*

25.4.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm fid-dokument li tqassam minn qabel.

25.4.2 Wara din l-ispjegazzjoni tressqet mozzjoni sabiex jiġi approvat ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena 2020

**Mozzjoni 25-03**: Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: il-Kunsillier Rose Agius

Il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-sena 2020: Jannar-Settembru 2020.

**25.5 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2021</u>**

25.5.1 Wara li l-figuri ġew diskussi mas-Segretarju Eżekuttiv, l-*Accountant* tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-kontenut fil-Budget 2021.

25.5.2 Wara spjegazzjoni tressqet mozzjoni sabiex jiġi approvat il-*Budget* għas-sena 2021.

**Mozzjoni 24-04**: Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Kunsill approva unanimament il-Budget għas-sena 2021.

**25.6 <u>Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-istaff tal-Kunsill għas-sena 2020</u>**

25.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-*Appraisal Report* tal-Haddiema Klerikali.

25.6.2 Wara diskussjoni, l-Kunsill iddeċieda li s-Sinjorina D.Mallia tingħata 6% bħala *performance bonus* għas-sena 2020.

25.6.3 Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li s-Sur S.Spiteri jingħata 6% bħala *performance bonus* għas-sena 2020.

**25.7 <u>Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2020</u>**

25.7.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-*Appraisal Report* tas-Segretarju Ezekuttiv.

25.7.2 Wara diskussjoni, l-Kunsill iddeċieda li s-Sinjura F.Cutajar tingħata 10% bħala *performance bonus* għas-sena 2020.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech*

**25.8 Korrispondenza**

25.8.1 Tressqet għall-approvazzjoni ittra mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill dwar l-akkumulazzjoni tal-Vacation Leave għas-sena d-dieħla. Fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv, il-bilanċ tal-leave ta' din is-sena attwali li mhux meħud minħabba esiġenzi tax-xogħol jammonta għall- 95.75 siegħa. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

25.8.2 Tressqu għall-approvazzjoni ittri mingħand l-istaff tal-Kunsill Ms D.Mallia u Mr S.Spiteri dwar l-akkumulazzjoni tal-Vacation Leave għas-sena d-dieħla. Il-bilanċ tal-leave ta' din is-sena attwali li mhux meħud jammonta għall- 10 ijiem u 5 ijiem rispettivament. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

25.8.3 Tressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-agreement sabiex jiġu nstallati l-bollards fil-Bypass kantuniera ma' Triq Ġewwinija. Wara diskussjoni, l-Kunsill kkonkluda li minħabba li se jingħalaq il-ħruġ għal gol-Bypass, se jinħoloq ħafna traffiku fil-ħruġ minn Vjal il-Labour. Għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob Traffic Impact Assessment fiż-żona ta' Vjal il-Labour.

25.8.4 Tressqet ittra dwar Miżura 313 tal-proġett li sar fi Ġnien il-Kunsill fejn minħabba xi nuqqasijiet li kienu saru matul il-proġett li referenza tagħhom tinsab fl-ittra, il-Kunsill għandu jirrifondi l-ammont ta' €1226.38. Il-Kunsill qabel li jsir it-trasferiment iżda jikkonferma jekk in-nuqqasijiet imsemmija jidhrux fil-Pjanti tal-MEPA.

25.8.6 Tressqet talba sabiex jithallas l-pagament tal-Ekoskola. Il-ħlas huwa ta' €15. Il-Kunsill approva.

25.8.7 Tressaq ilment dwar parkeġġ illegali ta' *trailers* fi Triq iċ-Ċimiterju. Il-Kunsill qabel li jitwaħlu tabelli biex ma jipparkjawx trailers.

25.8.8 Tressqet korrispondenza mingħand resident fejn qed jitlob diversi affarijiet dwar inkonvenjenzi fil-Bypass. Is-Sindku Darren Abela kkonferma li l-Bus shelter fil-Bypass se jitwassal.

25.8.9 Tressqet korrispondenza dwar attivita' għal żmien il-Milied. L-Ispiża hija ta' €240. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ssir il-Ħadd filghodu qabel il-Milied.

25.8.10 Tressqet korrispondenza mingħand resident li joqgħod fiż-żona tax-xagħri fejn qed jistaqsi dwar biċċa art jekk hiex pubblika. Il-Kunsill qabel li jibgħat lill-Lands biex jivverifika jekk l-art hiex privata jew pubblika.

25.8.11 Tressqet korrispondenza dwar il-ħlas tat-tappieri ta' Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill jaqbel li jitħallas l-ammont ta' €2080 wara li jitnaqqas l-ammont li Infrastructure Malta tħallas fuq tappieri.

25.8.12 Tressqet korrsipondenza mingħand il-kuntrattur tal-Bandli fejn qed jitlob li jinħareġ il-pagament li fadal fuq l-ammont li hu ċċertifikat mill-Perit. Minħabba li hemm ammonti li jinsabu taħt 'variations' li l-Kunsill ma jafx bihom, il-Kunsill qabel li għalissa jħallas 50% tal-ammont pendenti ċertifikat mill-Perit.

**25.9 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

25.9.1 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm mekkanik li jsewwi l-karozzi fi Triq il-Barbazzal li qed ihalli l-karozzi li jkollu bil-ħsara fit-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jiktiblu li kemm jista jkun ma jhallix karozzi fit-tul barra.

25.9.2 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn titnaddaf iż-żona fi Triq il-Qattus. Il-Kunsill qabel li tintbaghat korrispondenza lill-Lands sabiex ningħataw direzzjoni lil min għandna nibgħatu biex titnaddaf.

25.9.3 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed iwaħħal planter fi Triq il-Gojjin kantuniera ma Dawret Ħal Għaxaq. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

25.9.4 Is-Sindku Darren Abela qal li issa li ħareġ il-Permess tal-Proġett ta' Santu Rokku, l-Kunsill għandu joħroġ *Expression of Interest* għal bejgħ tal-*garage* b'offerti mhux inqas minn €40,000 u għandu jintalab ukoll li jipprovdi *garage* fl-akwati sa massimu ta' 3 snin.

25.9.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment dwar l-imwejjed li l-ħanut Principessa għandu fit-triq. Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport għandu jiġi mressaq lill-MTA.

25.9.6 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-iskips li għandhom żewġt iħwienet tal-ikel fil-Bypass. Il-Kunsill qabel li għandu jtihom ċans sa l-aħħar tas-sena sabiex l-iskip titneħħa. F'każ li dan ma jsirx, din għandha titneħħa mill-Kunsill.

25.9.7 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar permess li nħareġ mill-PA għal bini fejn il-ground. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jressaq ebda lment minħabba li dan il-permess diġa ħareġ u l-oġġezzjonijiet kellhom jitressqu qabel.

25.9.8 Is-Sindku Darren Abela qal li intbagħtet l-informazzjoni dwar min jagħmel użu tar-rottot lokali tal-linja. Huwa qal li d-deċiżjoni dwar din se tkun qed tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

25.9.9 Is-Sindku Darren Abela qal li jħoss li għandu jikteb lill-Priministru kif ukoll lill-Ministru tal-Kultura dwar id-Dar tal-Bebbux fejn nitolbu li din id-dar għandha tiġi skedata. Sadanittant il-Kunsill jaqbel li jiċċekja dwar il-proċedura biex din id-Dar tiġi skedata.

25.9.10 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-Christmas Tree li saret fil-Pjazza u ppropona li jintalab permess lill-pulizija biex ma jipparkjawx vetturi fil-Pjazza bejn l-24 u s-26 ta' Diċembru 2020, kif ukoll bejn il-31 ta' Diċembru 2020 u it-3 ta' Jannar 2021. Nitolbu ukoll biex isir l-infurzar.

25.9.11 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn isir parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' fi Triq Birżebbuġa iżda biex isir irid jitneħħa parkeġġ ieħor. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni jekk hemm il-bżonn li isir.

25.9.12 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-problema tal-ġbir tal-ħġieġ fejn qed jitħalla mingħajr ma jinġabar f' ħafna postijiet. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Greenpak.

25.9.13 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jiġi nstallat meter tad-dawl fil-Pjazza u meter ieħor fejn il-funtana f'Dawret Ħal Għaxaq. Il-Kunsill approva.

25.9.14 Is-Sindku Darren Abela ppropona li tintbagħat korrispondenza lill-Perit fejn jingħata *deadline* sa l-aħħar ta' Jannar sabiex jibgħat l-affarijiet pendenti li l-Kunsill ilu jibgħatlu għalihom. Il-Kunsill approva.

25.9.15 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn tliet jardi konkos sabiex jingħata fi Triq San Gorġ. Il-Kunsill approva.

25.9.16 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jinxtara memento lill-Kappillan il-ġdid minħabba li nhar il-Ħadd se jkun qed jieħu l-pussess bħala Kappillan ta' Ħal Għaxaq. Il-Kunsill approva.

**25.10 Mistoqsijiet u Tweġibiet tal-Kunsillieri**

25.10.1 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar l-iskema tal-LC care. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill ingħata l-ammont ta' €5365.09 taħt il-proġett LCcare u dan għandu jiġi implementat sas-sena d-dieħla.

**25.11 Mozzjonijiet**

25.11.1 Annessi mal-Minuti

**25.12 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

25.12.1 Il-Laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għat-Tlieta 12 ta' Jannar 2021 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 25**

**Mozzjoni Ref:** 25-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 24

| | |
|---|---|
| **Rose Agius** | **Andreas Gatt** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 9 ta' Diċembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 25**

**Mozzjoni Ref: 25-02**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta’ Pagamenti Numru 25

**Rose Agius**
**Proponent**

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

**Data:** 9 ta’ Diċembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 25**

**Mozzjoni Ref: 25-03**

Biex jigi approvat ir-Rapport tat-Tielet Kwart Jannar – Settembru 2020

**Andreas Gatt**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 9 ta' Diċembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 25**

**Mozzjoni Ref: 25-04**

Biex jigi approvat l-Budget għas-sena 2021

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

**Data:** 9 ta' Diċembru 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**